*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 14**

**It-Tnejn 13 ta' Lulju 2020.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Errol Cutajar - Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**14.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud u l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli fejn talbu li jkunu skuzati milli jattendu għal din il-laqgħa.

**14.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 13 li saret Nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2020:***

**14.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud talab l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u l-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**14.2.2** **Matters arising:**

**14.2.3** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk nistgħux npoġġu skips li tneħħew u jitpoġġew f'San Tumas minħabba li ħarquhom.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din mhux l-ewwel darba li ħarquhom u jekk ser npoġġu oħrajn ser jerġa jiġri l-istess.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi forsi jistgħu jsiru tal-ħadid.

Is-Sindku irrisponda li dawk m'għadhomx isiru.

Kien hemm qbil li ma jerġgħux jitpoġġew skips oħra.

**14.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 artiklu 13.3.3 u staqsa jekk il-propjetarju tal-bini tal-Kunsill qabilx li jtina estensjoni fiz-zmien.

Is-Sindku qal illi hu tkellem ma sid il-postu għalkemm bil-kitba ma hemm xejn defittiv mhuwiex ser isib oġġezzjoni li jtawwal iz-zmien bi ftit xhur. Iġifieri sa' l-aħħar tas-sena 2021.

**14.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 13.5.1 jekk ġiex aġġudikat it-tender.

Is-Segretarju Ezekuttiv spejga illi f'din il-laqgħa ser jiġi aġġudikat mill-Kunsill.

**14.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 4 artiklu 13.7.8 u qal li jħoss li l-Kunsill għandu jibgħat ittra ta' ringrazzjament għax-xogħol siewi li għamlu d-dipartiment tal-cleansing.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**14.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 artiklu 13.7.9 jekk il-Kunsill jistax jidentifika l-għelieqi kollha li għandhom bzonn li jirranġaw il-ħitan tagħhom u naraw nistgħux nirranġawhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi l-ħitan qedgħin hemm biex jidentifikaw illi l-għalqa hija privata u jekk jaqa l-ħajt hija ir-responsabbilita' tas-sid li jirrranġaħ u mhux tagħna aktar u aktar għax l-Kunsill m'għandux ikun responsabbli hu min dak il-ħajt la dabra jkun għamlu hu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hu jixtieq li nidentifikaw lis-sidien biex ngħidu lilhom sabiex jirranġawh.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jekk hu għandu xi kuntatti tajjeb itijhom lill-Kunsill u nibgħatu ittra.

**14.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 13.7.4 u informa lill-Kunsill illi d-defibrillator sar min naħa ta' Friends of Marsaskala u jixtiequ li apparti l-isticker li hemm li fiha l-kelma AED jixtiequ li jgħamlu l-logo tagħhom u jkun hemm miktub li din kienet donazzjoni minn Friends of Marsaskala.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa min ser ikun qed jgħamel il-manutenzjoni ta dan id-defibrillator.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi t-technoline l-istess kumpanija li waħlet id-defibrillator ser tkun qed tagħmel manutenzjoni u l-Kunsill kif diġa maqbul se jkun responsabbli mil-manutenzjoni.

**14.2.9** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 13.7.3 u nforma l-Kunsill illi l-laqgha man-Nexos saret u qed isiru l-arranġamenti neċessarji sabiex issir l-ewwel ordni li stimata tasal f'Novembru 2020.

**14.3.1** **<u>Log book tal-van tal-Kunsill:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta il-log book tal-fuel uzat mill-van tal-Kunsill.

**14.3.2** **<u>Proposal vegetated buffer strip il-magħluq Marsaskala (35/2240/20/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-fondi tad-DPF joħorġu mill-planning gain li jħallas kuntrattur meta jibni u ma jkollux parkeġġ u dawn il-fondi juzhom il-Kunsill sabiex jagħmel ix-xogħolijiet ta' kuljum fuq it-toroq, kompla jgħid li għalkemm il-Kunsill ħa xi fondi dawn qatt ma huma bizzejjed, kompla jgħid illi l-Perit Frans Mallia infurmah illi dawn il-fondi għandhom jiġu utilizzati 80% mill-Kunsill u 20% mill NGO's u għalhekk iħoss il-Perit għandu jitħallas mill-fondi tal-NGO's sabiex issir din il-buffer strip fil-Magħluq kien hemm qbil unanimu dwar dan u l-Kunsill għandu jinforma lil Nature Trust b'din id-deċizjoni.

**14.3.3** **<u>To change traffic flow Triq il-Qaliet Area (35/2188/20/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilli illi Transport Malta irċivew il-proposta tagħna għat-tibdil fit-traffic flow fl-area ta' San Tumas fejn nfetħet Triq il-Vjola li tgħati għal Triq tal-Gardiel u huma accċettaw li ssir waħda mill-proposti dejjem wara li ssir diskussjoni mar-residenti tal-akwata u jkollna feedback pozittiv mill-maġġorazna tan-nies għalhekk il-Kunsill ser jibda jqassam ittri flimkien mas-siteplan lir-residenti kollha tal-akwata u ntuwhom iċ-ċans jgħatu l-feedback tagħhom u min hemm naraw xi tkun ir-rispota tal-maġġoraza tan-nies.

Kien hemm qbil unanimu.

**14.3.4** **<u>Oġezzjoni fuq id-deċizjoni tal-Kunsill rigward klejm ta' karozza fi Triq id-Daħla ta' San Tumas:</u>**

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-persuni ikkonċernati jinsabu prezenti għal laqgħa tal-Kunsill u jekk il-Kunsill jaqbel,ngħatu konċezzjoni li jitkellmu waqt il-laqgħa.

Il-Kunsill qabel unaniment.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill kien evalwa l-klejm tas-Sur Agostino Schembri fejn kien talab il-Kunsill kumpens tad-danni li sofra meta waqa ħajt tas-sejjiegħ fuq il-karozza tiegħu u kien iddeċida illi ċ-ċint mhuwiex tal-Kunsill izda ta' terzi persuni u għalhekk il-Kunsill ma kellux iħallas għad-danni. Is-Sur Schembri iħoss li dan mhuwiex ġust u għalhekk ser ngħatuh iċ-ċans li jitkellem waqt is-seduta sabiex jgħati ir-raġunijiet tal-oġġezzjoni tiegħu.

Is-Sinjura Mizzi qalet illi waqt li s-Sur Schembri kien qed isuq fi Triq id-Daħla ta' San Tumas waqt li waqa ħajt tas-sejjiegħ u ġie fuq il-vettura tiegħu u saħaq illi meta mar jara iċ-ċint sab illi kien hemm tħaffir taħt dan il-ħajt biex saret il-bankina min naħa tal-Kunsill u b'hekk waqa dan iċ-ċint u għalhekk qed jitlob il-Kunsill għar-rifuzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Camilleri qal illi ma kien hemm l-ebda tħaffir taħt il-bankina.

Is-Sindku qal illi l-Perit tal-Kunsill iċċertifika x-xogħol bħala tajjeb u jekk irridu niċċekjaw ix-xogħol is-Sur Mizzi ikollu jqabbad Perit personali biex jiċċekja hu pero ma jixtieqx illi jsir dan u jzid fl-ispejjez li diġa sofra minnhom is-Sur Mizzi.

Is-Sinjura Mizzi qalet illi l-Perit ma joqgħodx jiċċekja x-xogħol biċċa biċċa.

Il-Kunsill is-Sur John B Camilleri qal illi l-kurduna biss ħaffer.

Is-Sinjura Mizzi qalet illi l-konkos kien imkisser.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma jistax ikun għaliex bankina ma kinex hemm qabel ma saret ġdida u li kieku kien il-kaz iċ-ċint kien jaqa minn isfel u mhux minn fuq.

Is-Segretarju s-Sur Josef Grech qal illi l-ħitan tas-sejjiegħ dejjem jinzlu forma ta 'V' u dawn affarijiet normali li jiġru.

Is-Sinjura Mizzi qalet illi bid-damdin waqa ċ-ċint.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi jekk il-Kunsill jaċċetta li jħallas għad-danni fuq dan il-kaz ikun qed jikreja preċedent għal kull ħajt li jaqa fil-lokal u jieħu r-responsabbilita hu fejn issir bankina.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi ssiba stramba kif is-sid tal-ħajt ma talab l-ebda kumpens lill-Kunsill u minflok qed jitolbuh dawn ir-residenti.

Is-Sinjura Mizzi qalet illi vera li l-ħajt mhuwiex tal-Kunsill pero l-ħajt waqa minħabba xogħol li sar min naħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dan hu x'qed jgħid ir-resident qatt ma tista tipprovah la darba l-Perit indika li x-xogħol kien sar tajjeb.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi ta' l-opinjoni li jkellmu lil sid il-ħajt u f'dak il-kaz ikellem il-Kunsill hu.

Is-Sindku qal illi f'dan il-kaz ħadd ma jista jikkonferma x'kienet ir-raġuni għaliex waqa l-ħajt għalhekk il-Kunsill ma jistgħax jaqbad u jgħati kumpens, jħoss li għalkemm ma xtaqx li jgħamila kif tkellem fil-bidu l-unika soluzzjoni hi li r-resident iqabbad Perit privat u b'hekk ikun jista jgħati l-kumment tiegħu hu.

Is-Sur Mizzi qal illi hu mhux ser iqabbad Perit tiegħu u jidħol f'aktar spejjez u jħoss li dan il-kumpens huwa dritt tiegħu.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi legalment r-resident għandu jkellem lis-sid dirett umbagħad l-istess sid ikellem lill-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu illi nkellmu lill-Perit tal-Kunsill sabiex jerġa jiċċekja dan il-ħajt u naraw x'ikunu l-kummenti tiegħu.

**14.3.5** **<u>Permess RWP1-1369/20 Triq id-Daħla ta' San Tumas:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi l-istess kuntrattur li qed jaħdem fi Triq il-Qaliet u li kien jaħdem fi Triq iz-Zonqor qabel ma twaqqaf qed jaħdem għallWSC wara li kien twaqqaf minn mall-Infrastructure Malta , u dan il-permess jindika illi ser jibda xi xogħolijiet fit-Triq id-Daħla ta' San Tumas u hu xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill għaliex dawn it-tip ta' permessi l-Kunsill jirċivi bħalhom kuljum apparti entitajiet oħra ukoll pero ħass li dan kellu bzonn l-attenzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fl-opinjoni tiegħu dan il-Kuntrattur għandu jlesti fejn għadu ma tlestiex qabel ma jibda xogħolijiet ġodda.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet kif dan il-kuntrattur qed jibqa jingħata xogħolijiet jekk ġie mwaqqaf minn xogħolijiet oħra u b'hekk ma jkunx technically compliant.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nibgħatu l-feedback tagħna li x-xogħolijiet fi Triq id-Daħla ta' SanTumas jibdew biss wara li jitlesta x-xogħol pendenti li għandu fil-Lokal dan l-istess kuntrattur.

- **Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħal għal laqgħa fis-19:06:**

**14.3.6** **<u>Christmas Village December 2020:</u>**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi għal din is-sena qed taħseb sabiex il-Christmas Village isir fi Triq ix-Xatt u mhux fi Ġnien Sant'Anna bħas-sena l-oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fi Triq ix-Xatt u Triq San Ġorġ hemm problema biss f'kaz ta' maltemp.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-permess għal dawk li jixtiequ jikru stall ser tkun ta €26 kull ġurnata.

Is-Sindku qal illi importanti illi nġibu kwotazzjoni ta tlett kumpaniji li ser jieħdu ħsieb l-ippjanar tal-Christmas Village.

Kien hemm qbil li l-ewwel opzjoni ser tkun li ssir fi Triq ix-Xatt jekk ikun il-maltemp issir fit-tined ta' Grabiel.

**14.3.7** **<u>Defibrillator ħdejn il-latrina tal-Knisja:</u>**

Dan il-punt ġie diskuss f'artiklu 14.2.8.

### 14.3.8 <u>Outline Brief tal-Jerma (35/226220/I):</u>

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Planning Authority bgħatulna l-outline development brief u qed jistennew feedback fuq l-applikazzjoni l-ġdida.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi t-triq ta bejn l-eks Jerma u t-torri ma ssemitx x'se jiġri minnha izda hemm imnizzel illi t-traffiku għandu jitqassam fit-toroq tal-madwar u waħda mill-proposti li għaddejna aħna kienet li issir under pass u fid-development brief jindika li hemm 7.8 metru fejn tista issir din l-underpass tunnel hekk kif konna issuġġerejna.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi meta l-Kunsill kien ta dan is-suġġeriment kien hemm problema bl-aċċess għal coaches għaliex ma kienx hemm bizejjed għoli biex jgħaddu vetturi ta dak it-tip

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Kunsill għandu jibqa jippressa sabiex issir din l-underpass.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi hu jħoss li għandna nibqgħu ninsistu illi jsir xi jsir it-triq għandha tibqa aċċessibli b''xi mod jew ieħor.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi hemm kwistjoni oħra illi ser ikun hemm appartamenti għal bejgħ apparti l-lukanda u hemmhekk titqajjem mistoqsija li jekk din l-art kienet hemm għal fini ta' Lukanda kif ser jingħata permess li jsiru appartamenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi waqt il-laqgħa li kellhom ġewwa l-Planning Authority is-Sur Scalpello spjega illi hemm il-ħsieb li jsiru appartamenti u lukanda sabiex il-proġett ikun aktar vijabli għal kuntrattur. Is-Sur Camilleri kompla jgħid illi hu mhux ser jiddeċiedi jekk il-Planning Authority għandiex tgħati permess li jsiru appartamenti izda mhux fl-interess tar-residenti ta' Marsaskala li jsiru l-appartamenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi waħda mill-problemi li taffaċja meta ser isiru l-appartamenti hija dik ta' influs ta' karozzi u problema akbar bin-nuqqas ta' parkeġġ.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi problema oħra hija li ser jinbnew appartamenti ġewwa Villa area li tħalli l-mistoqsija jekk l-vilel l-oħra hux ser ikollom l-istess dritt li jgħamlu l-istess.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi s-South Local Plans ikoppru l-lokal kollu ta' Marsaskala pero ma jkopprux area ta' Lukanda għaliex dik hija indipendenti u jrid isir development brief fuqha.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi nfatti fil-laqgħa li kellhom il-Planning Authority għamlita ċara illi dan id-development brief ikoppri biss din il-lukanda u mhux miftuħa għal vilel u djar tal-madwar.

Kien hemm qbil unanimu illi niktbu lic Chairman tal-Planning Authority bil-punti mnizzla hawn isfel:

Li il-Kunsill huwa tal-fehma li ma jkunx hemm zvilupp residenzjali, il-Kunsill jixtieq jaċċenna fuq il-punt li din l-art kienet ingħatat bħala konċezzjoni għal skopijiet ta' Lukanda u għahekk dan il-punt għandu jiġi investigat mill-PA.

Il-Kunsill huwa tal-fehma li t-triq ezistenti tkun aċċessibli għat-traffiku hekk kif hemm fil-prezent biex ma jkunx hemm tibdil konsengwenzjali fit-toroq tal-madwar.

Invista tal-problemi kbar li l-Lokalita' għandha bi spazzju limitat ta' parkeġġ il-Kunsill jinsisti li zona A jkollha parkeġġ adekwat biex il-persuni illi ser jiffrekwentaw din iz-zona ma jkollhomx għalfejn jipparkjaw fiz-zoni oħra fit-toroq tal-madwar.

**14.4** ***Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:***

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**14.5** ***Rapporti:***

**14.5.1** ***Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2020/01 Tender for Street Sweeping using a low emission aservice vehicle Marsaskala Local Council:***

Is-Segretarju Ezekuttiv Is-Sur Josef Grech qal illi l-bord ta' evalwazzjoni għamel ir-rapport finali tiegħu u wara li spjega l-proċess li ntuza iġifieri dak tal -BPQR (Best Price Quality Ratio)Is-Segretarju Ezekuttiv pprezenta il-lista ta' l-offerenti filwaqt li qal li r-rakkomandazzjoni tal-bord kienet wara li ntuza l-proċess tal-BQPR fejn l-offerta li tingħazel mhijiex neċessarjament l-irħas waħda pero skond il-marki li ġew ingħatati hekk kif hemm fl-ispeċifikazzjonijiet tat-tender.

| Offer ID | ISEM | PREZZ |
|---|---|---|
| 133320 | Eco Resources Ltd | €267696.00 |
| 133315 | Alistair Bezzina | €266232.68 |
| 133300 | Christopher Bezzina | €269892.48 |
| 133247 | Saviour Mifsud | €266231.68 |
| 133157 | Waste Collection Ltd | €308056.32 |
| 133126 | Proofreading.com.mt | €266231.68 |
| 132192 | WM Environmental Ltd | €276481.92 |

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tingħata lill-WM Environmetal Ltd.

**14.5.2** ***Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2/2020 Road Maintenance and patching works of access and access only roads Marsaskala Local Council:***

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-bord ta' evalwazzjoni qed jirrakonda li dan il-kuntrattur jingħażel mil-Kunsill

| Offer ID | ISEM | PREZZ |
|---|---|---|
| 133280 | Ivan Borg Excavation works | €356167.00 |

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tingħata lill-Ivan Borg Excavation works.

**14.5.3** **Rapport ta' kull kwart (it-tieni kwart) April sa Ġunju 2020:**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta u spjega r-rapport ta' Kull kwart minn April – Ġunju 2020.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni għar-rapport ta' kull kwart minn April-Ġunju bħala korretti u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ssekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**14.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

**14.6.1** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon infurmat lill-Kunsill illi l-Waterpoint twaħħlet u ser tibda tintuza min għada.

**14.6.2** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi kelmet lis-Supretendent is-Sur Joe Magro fuq il-katakombi li qiegħdin prezentament taħt propjeta' privata fi Triq il-Katakombi fejn qabel kien hemm aċċess u issa ma għadx hemm u talbet l-għajnuna tiegħu sabiex dawn il-katakombi ikunu jistgħu jidgawdew mill-pubbliku u hu infurma illi ser jara x'jistgħa jagħmel u jkellima lura.

**14.6.3** Is-Sindku is-Sur Mario Calleja qal illi għandu suġġeriment mingħand resident sabiex Triq il-Batterija taz-Zonqor ma tibqax tidhol min Triq il-Batterija taz-Zonqor għal Hurds Bank izda tinqeleb u jibdew jidħlu min Triq Hurds Bank għal Triq il-Batterija taz-Zonqor.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi biex saret kif inhi it-triq kien hemm petizzjoni mir-residenti tat-triq u ma jħossx li għandha tinbidel.

Kien hemm qbil unanimu illi ninfurmaw lil dan ir-resident biex jiġbor petizzjoni mir-residenti tat-triq u jipprezenta lill-Kunsill.

**14.7** ***Korrispondenza:***

**14.7.1** **Meeting with nature trust re: Magħluq (35/2113/20/I):**

Din il-materja ġiet diskussa f'artiklu 14.3.2.

**14.7.2** **Ittra mingħand il-Lands Authority (35/1982/20/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech spjega kif il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand persuna li qed tgħid li parti minn Ġnien Charles Clews hija propjeta privata. Il-Kunsill kien iċċekkja mal-Land Authority ikkonferma li l-art mhijiex tal-gvern.

Il-Kunsillier Il-Perit John Schembri qal li kieku l-art kienet għal bini meta daħħal l-applikazzjoni tiegħu għal ġnien il-Kunsill kien jiġi mwaqqaf.

Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill ikellem lill-Perit tal-Kunsill sabiex jindika għal liema skopijiet qeda dinl-art privata u kemm hi kbira l-parti privata.

**14.7.3** **CCTV Camera fi Triq Sant'Antnin(35/2018/20/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għalkemm il-Kunsill diġa għamel il-bollards faċċata ta' Hasta La vista xorta waħda qed ikun hemm min jipparkja u għalhekk tajjeb li nitolbu għal camera sabiex naqtgħu l-abbuz.

Kien hemm qbil unanimu.

**14.7.4** **Epos Machine Application (35/2127/20/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill jinsab fi proċess sabiex issir il-EPOS machine ġewwa l-Kunsill Lokali aktar u aktar issa li l-bank huwiex jaċċetta aktar muniti.

Kien hemm qbil unanimu.

**14.8** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta'pagamenti:***

**14.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta pagamenti li daħlu tard sabiex jitħalsu:

| Kreditur | Deskrizzjoni | Nru tal-Invoice | Ammont |
|---|---|---|---|
| Fix it Imports | LED Panel 28W 6400K RND SRF | 49512 | €45.00 |
| JP Baldacchino & Co Ltd | Comsumables | 212184 | €22.51 |
| Mr Giovanni Camilleri | Iron wrought works | 0195 | €1250.00 |
| Mr Giovanni Camilleri | Iron wrought works | 0196 | €350.00 |
| Tik Communications | Council Magazine December 2019 | 110 | €2609.25 |
| The Ironmonger | Consumables | SA101946 | €118.45 |

**14.9** ***Mozzjonijiet:***

**14.9.1** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja : (#043 – 6/7/20) -Is-Sekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri:**

"Jipproponi illi wara ħafna lmenti minħabba *double* u *triple parking* fil-pjazza isiru bollards biex jiġu evitati inċidenti."

Kien hemm qbil unanimu.

**14.9.2** **Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon : (#044 – 7/7/20) :**

"Jipproponi sabiex isiru bollards tal-plastik li jkunu rtirati ftit il-barra mad-dawra kollha tac-central strip biex nevitaw il-4 lane parking u l-imblokk."

Kien hemm qbil unanimu.

- Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri informa lill-Kunsill illi kellmu resident illi joqgħod f'area ODZ fejn għadda underground cable fi Triq il-Bidni qabel it-tlett islaleb u hemm bzonn ta' erba arbli li ser jiġu jiswew €4000.

Ma kienx hemm qbil.

**14.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 17 t'Awwissu 2020 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 13 ta' Lulju 2020.

_______________ _______________

**Josef Grech** **Mario Calleja**

Segretarju Ezekuttiv Sindku